RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/779

tas-26 ta' Frar 2024

dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna qed jiddependu dejjem iktar fuq il-funzjonament tal-Internet u fuq il-konnettività internazzjonali biex jiksbu d-diġitalizzazzjoni kompetittiva tal-Unjoni u tal-ekonomija tagħha. F'dan il-kuntest, l-infrastruttura tal-kejbils sottomarini hija element sinifikanti fl-ekosistema usa' tal-Internet sabiex tinkiseb is-sovranità diġitali Ewropea, meta jitqies li maġġoranza l-kbira tat-traffiku tad-*data* internazzjonali jiġi ttrasferit permezz ta' kejbils sottomarini. Bosta gżejjer fl-Unjoni, inkluż it-tliet Stati Membri gżejjer, flimkien mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej, jiddependu kważi għalkollox fuq dawn il-kejbils sottomarini għall-komunikazzjoni intra-Unjoni. Fil-kuntest attwali ta' riskju akbar u ta' theddidiet antagonistiċi għas-sigurtà magħmula mill-bniedem, filwaqt li titqies in-natura interkonnessa u tranżnazzjonali ta' dawn l-infrastrutturi, il-gvernijiet fir-reġjuni kollha tad-dinja qed jagħtu attenzjoni partikolari lid-dipendenza potenzjali tagħhom fuq il-kejbils kritiċi, peress li interruzzjonijiet sistemiċi u mifruxa fil-komunikazzjoni permezz tal-kejbils sottomarini jistgħu jwasslu għal konsegwenzi partikolarment serji, f'każ ta' attakki kkoordinati.

(2) Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni ġiet ikkonfermata mill-Istati Membri. Is-Sejħa ta' Nevers tad-9 ta' Marzu 2022 ([1]) irrikonoxxiet l-importanza strateġika tal-infrastruttura kritika bħan-networks tat-telekomunikazzjoni u s-servizzi diġitali għal bosta funzjonijiet kritiċi fis-soċjetajiet tagħna, u l-fatt li huma mira primarja għall-attakki ċibernetiċi.

(3) Sabiex jagħti segwitu għas-Sejħa ta' Nevers, il-Grupp ta' Kooperazzjonithe tal-NIS, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u f'konsultazzjoni mal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), wettaq valutazzjoni tar-riskji ta' livell għoli dwar l-infrastrutturi u n-networks tal-komunikazzjoni, inkluż il-kejbils sottomarini. Din il-valutazzjoni tar-riskji identifikat l-attakk/is-sabotaġġ fiżiku fuq il-kejbils sottomarini, u l-qtugħ tal-elettriku li jaffettwa l-kejbils sottomarini li jiddependu fuq ir-ripetituri, bħala theddidiet ewlenin. Abbażi ta' dawn it-theddidiet u ta' għadd ta' vulnerabbiltajiet li ġew identifikati, l-Istati Membri żviluppaw sett ta' xenarji tar-riskju ta' importanza strateġika minn perspettiva tal-UE. Dawn jinkludu partikolarment ir-riskju ta' interferenza ta' pajjiż terz fuq fornitur, fornitur tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti tal-kejbils sottomarini u r-riskju ta' attakk/sabotaġġ fiżiku fuq l-infrastruttura diġitali, inkluż il-kejbils sottomarini.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika ([2]) ("ir-Rakkomandazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika") tistabbilixxi azzjonijiet immirati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għal titjib fit-tħejjija u fir-rispons u għal kooperazzjoni internazzjonali. L-azzjonijiet jiffukaw b'mod speċifiku fuq l-infrastruttura kritika b'rilevanza transfruntiera sinifikanti f'setturi ewlenin identifikati, bħall-enerġija, it-trasport, l-ispazju u l-infrastruttura diġitali.

(5) Fir-Rakkomandazzjoni, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni twettaq studju komprensiv li jikkonċerna r-reżiljenza tal-kejbils sottomarini tal-komunikazzjoni u tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati u lill-esperti rilevanti dwar miżuri xierqa b'rabta ma' inċidenti sinifikanti possibbli rigward l-infrastruttura sottomarina. Il-Kummissjoni wettqet studji f'dan ir-rigward u se tikkondividi l-konklużjonijiet tagħhom mal-Istati Membri fil-livell xieraq ta' kunfidenzjalità. Din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li tikkomplementa u tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika.

([1]) https://presse.economie.gouv.fr/08-03-2022-declaration-conjointe-des-ministres-de-lunion-europeenne-charges-du-numerique-et-des-communications-electroniques-adressee-au-secteur-numerique/

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika 2023/C 20/01 (ĠU C 20, 20.1.2023, p. 1).

(6) Il-Komunikazzjoni Konġunta ta' Ġunju 2023 dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika ([3]) pproponiet li r-riskji għas-sigurtà fiżika u ċibernetika tal-infrastruttura kritika jibqgħu jiġu vvalutati skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022, u identifikat il-kejbils sottomarini bħala infrastruttura kritika fil-kuntest ta' dawk ir-riskji. Fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali, ([4]) il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Istati Membri għandhom "jagħtu spinta lill-isforzi tagħhom, inkluż permezz ta' investimenti meħtieġa, biex jiżguraw li l-infrastrutturi diġitali Ewropej ikunu siguri u reżiljenti, speċjalment l-infrastruttura ewlenija u l-kejbils sottomarini."

(7) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ottubru 2023 enfasizzaw "il-ħtieġa għal miżuri effettivi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u tiġi żgurata s-sigurtà tal-infrastruttura kritika", filwaqt li ssottolinjaw "l-importanza ta' approċċ komprensiv u kkoordinat." F'dan l-isfond, huwa importanti li l-Unjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet mill-iktar fis.

(8) Meta jieħdu miżuri skont din ir-Rakkomandazzjoni, fejn ikun applikabbli u xieraq, l-Istati Membri jkollhom jaġixxu f'konformità mad-dispożizzjonijiet, mal-obbligi u mal-mekkaniżmi rispettivi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("il-KEKE"), fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) ("id-Direttiva NIS 2"), u fid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) ("id-Direttiva CER").

(9) Id-Direttiva NIS 2, li tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet rispettivi fil-qafas tal-KEKE, dwar is-sigurtà tan-networks u tas-servizzi u l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom (l-Artikoli 40 u 41 tal-KEKE) tesiġi li l-Istati Membri jadottaw politiki relatati mas-sostenn tad-disponibbiltà, mal-integrità u mal-kunfidenzjalità ġenerali tal-qalba pubblika tal-Internet miftuħ, inkluż, meta jkun rilevanti, iċ-ċibersigurtà tal-kejbils sottomarini tal-komunikazzjoni. Skont l-Art. 23 tad-Direttiva NIS 2, l-inċidenti li jaffettwaw il-kejbils sottomarini tal-komunikazzjoni għandhom jiġu rrapportati lill-Iskwadra ta' Rispons għal Inċidenti Relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters ("CSIRT") jew lill-awtorità kompetenti. Jenħtieġ li l-istrateġija nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà, meta jkun rilevanti, tqis iċ-ċibersigurtà tal-kejbils sottomarini tal-komunikazzjoni u tinkludi mmappjar tar-riskji potenzjali marbuta maċ-ċibersigurtà u miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tagħhom.

(10) Id-Direttiva CER għandha l-għan li tiżgura li s-servizzi essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet soċjetali jew ta' attivitajiet ekonomiċi vitali jiġu pprovduti mingħajr xkiel fis-suq intern fil-11-il settur koperti minn din id-Direttiva. Dan jinkludi t-titjib tar-reżiljenza fiżika tal-entitajiet kritiċi li jipprovdu tali servizzi. Id-Direttiva CER tkopri s-settur tal-infrastruttura diġitali f'dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni ta' entitajiet kritiċi f'dan is-settur, l-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali, il-valutazzjonijiet tar-riskji tal-Istati Membri u l-miżuri ta' appoġġ tal-Istati Membri għall-entitajiet identifikati minnhom bħala kritiċi.

(11) L-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea ([8]) tenfasizza ż-żieda fir-riskju ta' attakki minn atturi malizzjużi kontra l-infrastruttura marittima kritika, inkluż il-kejbils sottomarini, u tipproponi azzjonijiet biex tittejjeb ir-reżiljenza u l-protezzjoni ta' tali infrastruttura.

(12) Kif enfasizzat fis-Sitt Rapport ta' Progress rigward l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, l-UE ressqet leġiżlazzjoni storika rigward affarijiet li jvarjaw mill-protezzjoni tal-entitajiet kritiċi għat-titjib tar-reżiljenza ċibernetika. Sadanittant, madankollu, ix-xenarju tat-theddid għas-sigurtà fl-Ewropa u l-viċinat tagħna qed ikompli jevolvi, u jurina l-ħtieġa għal viġilanza kontinwa u livell għoli ta' tħejjija biex niffaċċjaw sfidi ġodda għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika, kemm online kif ukoll offline.

([3]) Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" (JOIN(2023) 20 final, 20.6.2023).

([4]) Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2023, is-27 ta' Settembru 2023, https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/2023-report-state-digital-decade

([5]) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

([6]) Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (id-Direttiva NIS 2) (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80).

([7]) Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164).

([8]) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, l-24 ta' Ottubru 2023, https://www.consilium.europa.eu/media/67499/st14280-en23.pdf

(13) Din ir-Rakkomandazzjoni timmira li tippromwovi sinerġiji fil-livell tal-UE bl-objettiv li żżid is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini. Tirrakkomanda azzjonijiet speċifiċi biex tiġi vvalutata u tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fir-rigward tas-sigurtà u r-reżiljenza ta' infrastrutturi eżistenti u ġodda tal-kejbils sottomarini u fir-rigward tal-appoġġ għat-tnedija konġunta jew l-immodernizzar sinifikanti ta' tali infrastrutturi permezz ta' Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew ("CPEI").

(14) L-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini ma jinkludux biss il-kejbils iżda anke kwalunkwe infrastruttura relatata mal-kostruzzjoni, mat-tħaddim, mal-manutenzjoni u mat-tiswija tagħhom, bħall-impjanti tat-tlugħ l-art u l-partijiet terrestri tal-kejbils sottomarini li jikkollegawhom (eż. rotot tal-art minn tappiera qrib il-bajja għall-impjant tat-tlugħ l-art, ċentru tad-*data*, jew punt ta' preżenza), iċ-ċentri tat-tiswija, kif ukoll il-flotta tat-tnedija, tal-manutenzjoni u tat-tiswija tal-bastimenti.

(15) Il-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-Grupp ta' Esperti informali dwar l-Infrastruttura tal-Kejbils Sottomarini, skont it-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 tat-30 ta' Mejju 2016, ([9]) magħmul minn awtoritajiet tal-Istati Membri ('il-Grupp ta' Esperti"), biex jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni b'rabta mas-segwitu rigward din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari rigward dan li ġej:

— il-faċilitazzjoni tal-iskambji rapidi u effettivi tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, u s-Servizz għall-Azzjoni Esterna, billi tinżamm rabta mill-qrib bejn il-kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini kif ukoll l-għoti ta' fondi għalihom u l-finanzjament tagħhom;

— l-immappjar tal-infrastrutturi eżistenti tal-kejbils sottomarini fil-livell tal-UE, abbażi tal-eżerċizzji nazzjonali tal-immappjar u l-aġġornament tiegħu, mill-inqas fuq bażi annwali;

— ir-rieżami tal-immappjar u tal-valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali sabiex tiġi identifikata kwalunkwe informazzjoni nieqsa;

— il-proposta ta' miżuri biex tiġi pprovduta l-informazzjoni nieqsa u metodoloġija għall-konsolidazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali mal-valutazzjonijiet eżistenti, u jiġi stabbilit ix-xenarju bażi għall-valutazzjonijiet tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi fl-Unjoni kollha;

— it-twettiq tal-valutazzjonijiet ikkonsolidati reali, li jsiru fl-Unjoni kollha tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, li għandu jwassal għal proposti għal miżuri ta' mitigazzjoni;

— il-proposta ta' abbozz ta' lista ta' CPEIs strateġiċi li jissodisfaw il-kriterji elenkati f'din ir-Rakkomandazzjoni;

— il-forniment ta' forum għall-ħidma b'approċċ ikkoordinat f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati;

— id-diskussjoni tal-possibbiltajiet għall-użu u għall-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għad-detezzjoni u għat-tnaffir tat-theddidiet għall-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, b'mod partikolari abbażi tar-riżultati ta' proġetti li ngħataw il-fondi mill-UE, u

— l-iżvilupp ta' kapaċità tal-manutenzjoni u tat-tiswija għall-kejbils sottomarini.

(16) Il-Grupp ta' Esperti se jlaqqa' flimkien l-esperti meħtieġa, se jservi bħala pjattaforma sigura għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, u se jagħti l-pariri u l-assistenza lill-Kummissjoni biex tikkomplementa r-rwoli u l-kompiti tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS li ġie stabbilit bid-Direttiva NIS 2 u tal-Grupp dwar is-CER li ġie stabbilit bid-Direttiva CER. Il-Grupp ta' Esperti għandu jiffaċilita l-iskambju rapidu u effettiv ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni rigward kwistjonijiet li jagħmlu parti mill-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Sabiex iżommu rabta mill-qrib bejn il-kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u l-għoti ta' fondi għalihom kif ukoll il-finanzjament tagħhom, l-Istati Membri fi ħdan il-Grupp ta' Esperti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mill-qrib regolarment, kif ikun xieraq, mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u mal-Grupp tas-CER, mal-Kumitati tal-Istati Membri tal-programmi tal-għoti ta' fondi mill-Unjoni, mal-awtoritajiet minn pajjiżi terzi, mal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-iżvilupp pubbliku, mar-rappreżentanti tal-industrija, u ma' partijiet ikkonċernati oħra, kif ukoll jaġġornawhom regolarment. Tali kooperazzjoni għandha sseħħ fi ħdan il-qafas tal-mandati rispettivi tal-gruppi, tal-kumitati u tal-awtoritajiet involuti. Il-konsultazzjoni tal-Kumitati tal-programmi tal-għoti ta' fondi mill-Unjoni kif ukoll tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-iżvilupp pubbliku tkun immirata b'mod partikolari lejn il-ksib ta' sinerġiji kif ukoll lejn il-ġbir flimkien ta' fondi u ta' finanzjament. L-informazzjoni għandha tiġi skambjata fil-livell xieraq ta' kunfidenzjalità.

([9]) C(2016) 3301.

(17) Minħabba l-importanza li jinkiseb livell għoli ta' ċibersigurtà u ta' sigurtà fiżika tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, irrispettivament minn min ikun sidhom, din ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-operaturi tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini jissodisfaw l-ogħla standards ta' sigurtà (inkluż standards fil-livell tad-difiża, meta jkun xieraq).

(18) Sabiex jinkiseb livell għoli ta' ċibersigurtà u ta' sigurtà fiżika tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jiġbru informazzjoni rilevanti ([10]) mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi jew, jekk ikun meħtieġ, mill-impriżi individwali fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tintuża biex jiġi stabbilit, jitlesta u jiġi aġġornat immappjar nazzjonali tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini għall-Istati Membri kkonċernati kollha. Kwalunkwe ġbir jew skambju ta' informazzjoni għandu jippreserva l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u jipproteġi l-interessi tas-sigurtà u l-interessi kummerċjali tal-entitajiet ikkonċernati.

(19) Bħala pass importanti fl-iżvilupp ta' valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha, għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi li jaffettwaw l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini li għandha titlesta fil-livell nazzjonali. Din għandha tqis, bħala punt tat-tluq, il-valutazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet eżistenti tar-riskji fl-UE kollha, b'mod partikolari dawk li twettqu wara s-"Sejħa ta' Nevers", il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Qagħda taċ-Ċibersigurtà tal-UE u — għaċ-ċibersigurtà tan-networks 5G — wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/534 ([11]). Il-valutazzjoni nazzjonali għandha tinkludi mmappjar tal-infrastrutturi eżistenti u ppjanati. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom isaħħu iktar l-obbligi nazzjonali fuq il-forniturі u l-operaturi tal-partijiet sensittivi tal-infrastruttura meta jimplimentaw id-Direttiva NIS 2.

(20) Sabiex tittejjeb it-tħejjija u jingħata kontribut għall-valutazzjonijiet ikkoordinati futuri tar-riskji fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jagħmlu lill-entitajiet li joperaw l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini soġġetti għal ittestjar regolari tal-istress. Tali testijiet tal-istress jgħinu biex issir il-valutazzjoni tar-reżiljenza tal-entitajiet f'xenarji differenti.

(21) Għandu jitqies meħtieġ li l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini jiġu stabbiliti, immodernizzati u ssirilhom manutenzjoni mill-iktar fis, filwaqt li l-piż amministrattiv jinżamm baxx kemm jista' jkun. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jipproċessaw l-applikazzjonijiet relatati mal-ippjanar, mal-akkwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni, mat-tħaddim, mal-manutenzjoni u mat-tiswija ta' tali infrastrutturi online u malajr kemm jista' jkun. L-Istati Membri għandhom ikun konxji dwar kemm huwa utli li tinħatar awtorità biex tiffaċilita u tikkoordina l-proċessi tal-ħruġ tal-permessi. Din l-awtorità tista' taħtar koordinatur, li jservi bħala punt uniku ta' kuntatt għall-proġett. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ biex tingħata deroga skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([12]) u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]), l-ippjanar, l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' dawk l-infrastrutturi għandhom jitqiesu bħala ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira ta' dawk id-Direttivi, diment li jiġu ssodisfati l-bqija tal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà jew għall-implimentazzjoni ta' liġijiet ambjentali oħra tal-Unjoni.

(22) L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jikkooperaw biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-manutenzjoni u tat-tiswija għall-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini.

(23) Għandu jitqies meħtieġ li l-valutazzjonijiet tar-riskji li għaddejjin u li huma ppjanati li jikkonċernaw l-infrastrutturi diġitali u fiżiċi li jirfdu s-servizzi diġitali jiġu kkomplementati b'valutazzjonijiet tar-riskju speċifiċi u b'għażliet għal miżuri ta' mitigazzjoni li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-kejbils sottomarini. Il-Grupp ta' Esperti se jiġi mistoqsi jassisti lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS u mal-Grupp tas-CER u appoġġat mill-ENISA, biex twettaq valutazzjoni kkonsolidata tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi fl-Unjoni kollha, li tkopri kemm iċ-ċibersigurtà kif ukoll is-sigurtà fiżika tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u

([10]) Pereżempju, il-ġeolokalizzazzjoni tar-rotot, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kejbil, eċċ.

([11]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/534 tas-26 ta' Marzu 2019 Ċibersigurtà ta' networks 5G (ĠU L 88, 29.3.2019, p. 42).

([12]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([13]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

l-ktajjen tal-provvista tagħhom. Din il-valutazzjoni kkonsolidata tista' tissejjes fuq is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tar-riskji li jkunu twettqu, b'mod partikolari l-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà fiżika tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, u dawk fil-kuntest tas-"Sejħa ta' Nevers" u tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Qagħda taċ-Ċibersigurtà tal-UE u għan-networks 5G skont ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2019/534. Il-valutazzjoni kkonsolidata tista' twassal għal rakkomandazzjonijiet li jkollhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali u/jew tal-Unjoni, inkluż miżuri proposti ta' mitigazzjoni.

(24) Bħala l-ewwel pass, il-Grupp ta' Esperti jista' jassisti lill-Kummissjoni fir-rieżami tal-valutazzjoni tar-riskji nazzjonali sabiex tiġi identifikata l-informazzjoni nieqsa li tipprevjeni valutazzjoni kkonsolidata tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' fornituri ta' riskju għoli, u fir-rieżami tal-immappjar tal-infrastrutturi eżistenti u ppjanati tal-kejbils sottomarini li twettaq fil-livell nazzjonali (inkluż il-pożizzjoni, il-kapaċità, il-karatteristiċi tekniċi u s-sjieda tal-infrastruttura tal-kejbils) kif ukoll l-interazzjoni bejn is-saffi fiżiċi u loġiċi. Il-Grupp ta' Esperti jista' jassisti lill-Kummissjoni fl-immappjar tal-infrastrutturi eżistenti tal-kejbils sottomarini fil-livell tal-UE, abbażi tal-eżerċizzju nazzjonali tal-immappjar, u jżommu tali mmappjar aġġornat, mill-inqas fuq bażi annwali. Ir-rieżami għandu jqis l-interrelazzjonijiet ma' infrastrutturi kritiċi oħra, b'mod partikolari l-kejbels tal-elettriku, il-pipelines tal-gass u l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, kif ukoll infrastrutturi oħra tat-telekomunikazzjoni. ([14]) L-informazzjoni mhux sensittiva tal-immappjar tista' tiġi kondiviża ma' punti ta' informazzjoni rilevanti tal-infrastruttura, bħal fil-kuntest tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) (id-Direttiva dwar it-Tnaqqis tal-Ispiża tal-Broadband) u tal-Att futur dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits.

(25) Bħala t-tieni pass, il-Grupp ta' Esperti huwa mħeġġeġ jipproponi miżuri biex tiġi pprovduta l-informazzjoni nieqsa u metodoloġija għall-konsolidazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali mal-valutazzjonijiet eżistenti, u jiġi stabbilit xenarju bażi għal valutazzjonijiet tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi fl-Unjoni kollha.

(26) Bħala t-tielet pass, il-Grupp ta' Esperti huwa mħeġġeġ juża l-metodoloġija stabbilita fil-pass ta' qabel biex iwettaq l-immappjar reali kkonsolidat fl-Unjoni kollha tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u l-valutazzjonijiet tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, speċjalment fir-rigward tal-fornituri ta' riskju għoli. Il-valutazzjoni għandha tinkludi proposti għal miżuri ta' mitigazzjoni, inkluż liema riskji, vulnerabbiltajiet u dipendenzi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew f'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni sabiex tagħmel tajjeb għal lakuni strateġiċi u tistabbilixxi konnessjonijiet ġodda li jżidu r-reżiljenza u jimminimizzaw ir-riskju. Dan il-pass ikun jinkludi wkoll kunsiderazzjonijiet rigward l-armonizzazzjoni tat-testijiet tal-istress, pereżempju, fir-rigward il-ħinijiet tar-rispons u tat-tiswija, kif ukoll rigward l-organizzazzjoni tal-kapaċitajiet tar-rispons u tat-tiswija f'każ ta' inċident fil-konfini ċivili-militari u nazzjonali-reġjonali.

(27) Il-Grupp ta' Esperti għandu jservi bħala forum għall-Istati Membri biex jiskambjaw l-informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni, u jaħdmu flimkien biex jidentifikaw il-lakuni potenzjali fil-qafas leġiżlattiv eżistenti u joħolqu sinerġiji. Dan jista' jinkludi l-informazzjoni dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-inċidenti u r-rispons f'każ ta' inċident, kif ukoll l-aħjar prattiki applikati. L-informazzjoni għandha tiġi skambjata b'mod regolari u strutturat u fil-livell xieraq ta' kunfidenzjalità, inkluż klassifikat, meta jkun xieraq. Għandu jkun possibbli għall-pajjiżi terzi li jkunu involuti fuq bażi ta' każ b'każ, pereżempju fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali bilaterali.

(28) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tħeġġeġ it-tnedija jew il-modernizzazzjoni sinifikanti tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini permezz ta' CPEIs f'konformità mad-dritt tal-UE, inkluż ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Sabiex dan isir, huwa importanti li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni permezz tal-Grupp ta' Esperti biex jassistu lill-Kummissjoni tipproponi lista ta' CPEIs strateġiċi li jissodisfaw għadd ta' kriterji inklużi f'din ir-Rakkomandazzjoni.

([14]) Pereżempju, għandhom jitqiesu r-riżultati mit-testijiet tal-istress fis-settur tal-enerġija li twettqu skont ir-Rakkomandazzjoni dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika.

([15]) Id-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU L 155, 23.5.2014, p. 1).

(29) Abbażi tal-valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha msemmija hawn fuq, il-Grupp ta' Esperti huwa mħeġġeġ jipproponi lista ta' CPEIs u kif kieku jindirizzaw il-lakuni, ir-riskji, il-vulnerabbiltajiet, u d-dipendenzi strateġiċi identifikati minn perspettiva tal-UE kollha. Soġġetta għar-regoli sottostanti rispettivi, il-lista tista' titqies fil-qafas tal-programmi tal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont l-ambitu li fih jaqgħu tali proġetti, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]) ("ir-Regolament FNE"), ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]) ("ir-Regolament IPA III"), ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) ("ir-Regolament RRF"), u fil-qafas tal-Fondi Strutturali. Meta jkun applikabbli, il-lista tista' tiġi riflessa fl-atti bażiċi, jew fl-annessi tagħhom, permezz tal-użu ta' atti delegati, bħal fil-każ tar-Regolament FNE. Kwalunkwe kunsiderazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) ("ir-Regolament NDICI Ewropa Globali") ma għandhiex twassal għal dewmien fi proġetti li diġà ġew żviluppati fi ħdan il-qafas tal-istrateġija Global Gateway.

(30) Il-kriterji għall-identifikazzjoni tas-CPEIs tista' tiġi bbażata fuq dan li ġej: L-ewwel nett, bħala prerekwiżit, l-immappjar għandu jipprovdi evidenza ta' lakuna fl-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, inkluż il-ħtieġa li jiġu stabbiliti rotot siguri ġodda jew alternattivi, jew iż-żieda tal-kapaċità jew tar-reżiljenza tal-infrastruttura eżistenti tal-kejbils sottomarini. Barra minn hekk, is-CPEIs għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għaż-żieda tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini. Finalment, is-CPEIs għandu jkollhom importanza ġeostrateġika, fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u għandhom jissodisfaw ħtiġijiet tal-konnettività li jkunu wisq ta' riskju biex jiġu ssodisfati permezz ta' investimenti privati waħedhom.

(31) Il-kriterji tal-implimentazzjoni li jistgħu jitqiesu għal proġetti strateġiċi jinkludu l-iżgurar ta' investiment ġdid sinifikanti li jġib miegħu kapaċitajiet ġodda sinifikanti f'termini ta' sigurtà, prestazzjoni u reżiljenza, sigurtà tal-katina tal-provvista, u sostenibbiltà. Iż-żidiet fil-prestazzjoni kieku jkunu marbuta b'mod partikolari mal-kapaċità throughput tad-*data* u mal-latenza baxxa. Iż-żidiet fis-sigurtà u fir-reżiljenza kieku jkunu jinkludu l-investigazzjoni bikrija ta' ridondanza fiżika u loġika fi proġett, standards u teknoloġija ta' sigurtà għolja, bħal sistemi ta' sensuri u ta' monitoraġġ, kif ukoll il-kapaċità tat-tnedija, tal-manutenzjoni u tat-tiswija tal-flotta tal-bastimenti.

(32) Meta jiġu implimentati, il-proġetti strateġiċi għandhom iżidu s-sostenibbiltà tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini billi jnaqqsu l-impatt kumplessiv tagħhom fuq il-klima, l-enerġija u l-ambjent.

(33) Abbażi tal-kooperazzjoni sinifikanti mas-sħab strateġiċi internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija u s-Sħubijiet Diġitali, u skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE tas-26 ta' Ġunju 2023, l-Istati Membri, f'koordinazzjoni mal-Unjoni, għandhom jiġu mħeġġa jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw infrastrutturi siguri, fdati u reżiljenti tal-kejbils sottomarini skont l-approċċ stabbilit f'din ir-Rakkomandazzjoni. Jekk jinħolqu, is-CPEIs għandhom jikkontribwixxu biex jiġi żgurat li l-UE jkollha l-mezzi biex ikollha konnessjoni sigura mas-sħab strateġiċi tagħha. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-proġetti strateġiċi relatati mal-kooperazzjoni rigward il-konnettività Artika, trans-Atlantika u trans-Paċifika. L-Istrateġija Global Gateway tipprovdi l-qafas għall-UE u għall-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw kollaborazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali rilevanti sabiex tiġi ffaċilitata konnettività diġitali affidabbli, sigura u reżiljenti bejn l-UE u l-pajjiżi u r-reġjuni fil-mira tar-Regolament NDICI Ewropa Globali u tar-Regolament IPA III, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Amerka Latina u l-Karibew, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir. Wara li jikkunsidraw il-ħtieġa li jinżamm approċċ koerenti fir-rigward tal-infrastrutturi siguri, fdati u reżiljenti tal-kejbils sottomarini u sabiex jipprevedu komplementarjetà bejn l-azzjonijiet interni u esterni, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jużaw il-Grupp ta' Esperti biex jikkoordinaw u jżommu lil xulxin, lill-Kummissjoni, u lis-Servizz għall-Azzjoni Esterna infurmati rigward il-kwistjonijiet fl-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni, kemm b'rabta mal-iskambji bilaterali mal-pajjiżi terzi kif ukoll b'rabta mal-kooperazzjoni multilaterali.

([16]) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38).

([17]) Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([19]) Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

(34) L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jaħdmu b'approċċ ikkoordinat fil-fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż il-G7, u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT) skont il-prinċipji, l-objettivi u l-għodod tad-Diplomazija Diġitali tal-UE.

(35) L-UE għandha tistinka biex tapprofondixxi iktar il-kooperazzjoni man-NATO rigward ir-reżiljenza, inkluż l-infrastrutturi kritiċi tal-kejbils sottomarini, skont it-tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni UE-NATO, ([20]) filwaqt li tippromwovi l-komplementarjetà tal-isforzi u tevita duplikazzjonijiet bla bżonn, b'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-ftuħ u tat-trasparenza reċiproċi, tar-reċiproċità u tal-inklużività, kif ukoll tal-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull organizzazzjoni. Filwaqt li jsejjes fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport ta' Valutazzjoni Finali tat-Task-Force UE-NATO, ([21]) fil-kuntest tad-Djalogu Strutturat dwar ir-Reżiljenza, il-persunal tal-UE għandu jistinka biex, fost l-oħrajn, jippromwovi iktar l-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni mal-persunal tan-NATO.

(36) Permezz tal-kontribut tagħha biex twassal investimenti għal impatt trasformattiv, din ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-Global Gateway sabiex tissaħħaħ il-konnettività diġitali globalit, skont il-valuri u l-istandards tal-UE. Skont din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandu jkollhom approċċ ta' Tim Ewropa u għandhom jużaw l-istrutturi eżistenti ta' governanza stabbiliti mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-istrateġija Global Gateway u l-Pjanijiet ta' Investiment Ekonomiku.

(37) Meta wieħed iqis li t-tnedija tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini tipikament issir minn partijiet ikkonċernati privati, u fid-dawl tal-interessi strateġiċi kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri tagħha, is-CPEIs, jekk jiġu stabbiliti, għandhom jingħataw il-fondi permezz ta' finanzjament privat, li jista' jiġi appoġġat, meta jkun meħtieġ, minn kombinament ta' baġit nazzjonali u tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-programmi ta' għoti ta' fondi mill-Unjoni jistgħu jintużaw flimkien ma' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment, mill-Banek Promozzjonali Nazzjonali, minn istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u ta' żvilupp oħra, kif ukoll minn istituzzjonijiet finanzjarji u minn investituri tas-settur privat, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jirregolaw l-użu tal-baġit tal-Unjoni.

(38) Ir-Regolament FNE attwalment qed jagħti fondi għall-kejbils sottomarini bħala n-networks ewlenin li jikkollegaw it-territorji tal-UE u l-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Is-sottoskrizzjoni sinifikanti osservata fis-sejħiet relatati tindika domanda li qed tikber għall-għoti ta' fondi għal kejbils sottomarini siguri, reżiljenti u bi prestazzjoni għolja. Meta jitqiesu l-kostijiet u r-riskji konsistenti involuti, l-appoġġ finanzjarju tal-FNE huwa kruċjali għat-tnaqqis tar-riskju, biex jiġi attirat l-investiment privat u biex il-proġetti jsiru bankabbli.

(39) Il-Kummissjoni Ewropea tista' tqis li ttejjeb l-użu tal-istrumenti finanzjarji u l-faċilitajiet ta' taħlit biex tappoġġa s-CPEIs billi tuża l-baġit mir-Regolament FNE u minn strumenti rilevanti oħra, sabiex tattira l-kapital privat u topera skont it-termini tas-suq, li għalihom l-Istati Membri huma mħeġġa jikkontribwixxu, eventwalment permezz tal-Banek u tal-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali tagħhom. InvestEU jista' jikkostitwixxi mezz biex jiffinanzja s-CPEIs.

(40) Din ir-Rakkomandazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri rigward attivitajiet li jikkonċernaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà nazzjonali u l-attivitajiet tal-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali, inkluż id-dritt tal-Istati Membri li jeskludu xi fornituri mis-swieq tagħhom għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. AMBITU U OBJETTIVI

(1) Din ir-Rakkomandazzjoni tidentifika sensiela ta' azzjonijiet immirati li jistgħu jittieħdu mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni bil-ħsieb li:

(a) jivvalutaw regolarment u jtejbu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi eżistenti u ġodda tal-kejbils sottomarini, u

([20]) Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni UE-NATO, iffirmata fl-10 ta' Jannar 2023 mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, mill-President tal-Kunsill Ewropew u mill-President tal-Kummissjoni Ewropea.

([21]) It-Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, ir-Rapport ta' Valutazzjoni Finali, id-29 ta' Ġunju 2023.

(b) jappoġġaw it-tnedija jew il-modernizzazzjoni sinifikanti tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini permezz ta' Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew ("CPEI") li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) jinvolvu mill-inqas żewġ Stati Membri;

(2) jikkollegaw Stat Membru ma' ġżira waħda jew iktar, jew ma' reġjun ultraperiferiku jew pajjiż u territorju ekstra-Ewropew wieħed jew iktar tiegħu;

(3) jistabbilixxu jew itejbu b'mod sinifikanti l-konnettività bejn Stat Membru u pajjiż terz wieħed jew iktar, inkluż il-pajjiżi ġirien u tal-adeżjoni, direttament, jew indirettament permezz ta' infrastrutturi tal-kejbils oħra kkollegati mal-Unjoni.

2. DEFINIZZJONIJIET

(2) Għall-iskopijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, "infrastruttura tal-kejbil sottomarin" tfisser il-kejbil sottomarin tal-komunikazzjoni nnifsu iżda anke kwalunkwe infrastruttura relatata mal-kostruzzjoni, mat-tħaddim, mal-manutenzjoni u mat-tiswija tiegħu.

(3) Għall-bqija japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2022/2555 ("id-Direttiva NIS 2").

3. AZZJONIJIET FIL-LIVELL TAL-ISTATI MEMBRI

3.1. Sigurtà

(4) L-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu livell għoli ta' sigurtà tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini, irrispettivament mis-sid tagħhom, f'konformità, meta jkun applikabbli u xieraq, mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 ("il-KEKE"), fid-Direttiva NIS 2 u fid-Direttiva (UE) 2022/2557 ("id-Direttiva CER"), kif ukoll mal-azzjonijiet rilevanti fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE. Huma mħeġġa jiżguraw li l-infrastruttura tiġi ġestita u kkontrollata b'mod adegwat, b'tali mod li tkun protetta minn theddidiet esterni u tiġi ppreservata s-sigurtà tagħha, inkluż dik tad-*data* skambjata permezz tal-infrastruttura. B'ħekk, meta jkun rilevanti, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu l-istandards ta' sigurtà fil-livell tad-difiża, sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-atturi militari.

(5) L-Istati Membri għandhom jipprevedu li jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mingħand l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-impriżi jew, jekk ikun meħtieġ, mingħand impriżi individwali, sabiex jimmonitorjaw is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-istabbiliment, għat-tlestija u għall-aġġornament ta' mmappjar nazzjonali tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini, filwaqt li tagħmel tajjeb għall-informazzjoni nieqsa fl-eżerċizzji eżistenti tal-ġbir tad-*data*. Kwalunkwe ġbir jew skambju ta' informazzjoni għandu jippreserva l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni u jipproteġi l-interessi tas-sigurtà u l-interessi kummerċjali tal-entitajiet ikkonċernati skont ir-regoli applikabbli tal-UE.

(6) Filwaqt li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskji eżistenti fil-livell tal-UE u r-riżultati tat-testijiet tal-istress, l-Istati Membri huma mħeġġa jwettqu valutazzjonijiet tar-riskji nazzjonali rigward iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà fiżika tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u tal-ktajjen tal-provvista tagħhom. Il-valutazzjonijiet nazzjonali jkunu iktar rilevanti li kieku jinkludu mmappjar tal-infrastrutturi eżistenti u ppjanati u li kieku jqisu kemm il-kriterji tekniċi kif ukoll mhux tekniċi tar-riskju għas-sigurtà.

(7) L-Istati Membri huma mħeġġa jsaħħu l-obbligi dwar il-fornituri u l-operaturi meta jimplimentaw id-Direttiva NIS 2, filwaqt li jqisu l-azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni skont din ir-Rakkomandazzjoni, sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-partijiet sensittivi tal-infrastrutturi kif ukoll l-obbligi, meta jkun xieraq, bħall-forniment tal-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-bidliet ippjanati fl-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini u r-rekwiżiti li permezz tagħhom komponenti u sistemi speċifiċi tat-teknoloġija tal-informazzjoni jiġu ttestjati bil-quddiem għal skopijiet ta' sigurtà u ta' integrità minn laboratorji nazzjonali tal-awditjar/taċ-ċertifikazzjoni.

3.2. **Ittestjar regolari tal-istress tal-entitajiet**

(8) Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jħeġġu u jappoġġaw lill-operaturi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini fl-ittestjar regolari tal-istress abbażi ta' prinċipji komuni fil-livell tal-Unjoni, u b'mod partikolari fil-valutazzjonijiet ikkonsolidati fl-Unjoni kollha tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini fil-punti (16) sa (20).

(9) Tali azzjonijiet tal-ittestjar jistgħu jiġu appoġġati finanzjarjament permezz tal-Programm Ewropa Diġitali, ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) ("ir-Regolament tad-DEP"), b'mod partikolari fil-qafas tal-programm ta' ħidma tal-2023–2024 dwar iċ-ċibersigurtà tad-DEP.

3.3. **Aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi fil-livell nazzjonali**

(10) L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li l-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, mal-akkwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni, mat-tħaddim, mal-manutenzjoni u mat-tiswija tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini jiġu pproċessati online u b'mod effiċjenti u f'waqtu. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet nazzjonali kollha kkonċernati huma mħeġġa jiżguraw li jingħata l-iktar trattament rapidu legalment possibbli lil dawn l-applikazzjonijiet.

(11) Fejn jeżisti tali status fid-dritt nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jingħataw pariri siewja biex lill-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini jagħtuhom l-istatus tal-ogħla sinifikanza nazzjonali possibbli u jittrattawhom bħala tali fil-proċessi tal-ħruġ tal-permessi, inkluż dawk relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi dan, fl-ippjanar tal-ispazju.

(12) L-Istati Membri huma mħeġġa jqisu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini bħala raġuni imperattiva ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 6(4) u tal-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva 92/43/KEE u ta' interess pubbliku prevalenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu l-ippjanar, l-akkwiżizzjoni, il-kostruzzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini bħala ta' interess pubbliku prevalenti, diment li jiġu ssodisfati l-bqija tal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

(13) L-Istati Membri huma mħeġġa jinnominaw awtorità responsabbli biex tiffaċilita u tikkoordina l-applikazzjonijiet amministrattivi relatati mal-ippjanar, mal-akkwiżizzjoni, mal-kostruzzjoni, mat-tħaddim, mal-manutenzjoni u mat-tiswija tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini. Min-naħa tagħha, l-awtorità tista' taħtar koordinatur li kieku jservi bħala punt uniku ta' kuntatt, u tlaqqa' grupp ta' ħidma fejn l-awtoritajiet kollha involuti fl-applikazzjonijiet amministrattivi jkunu rrappreżentati sabiex titfassal skeda tal-ħruġ tal-permessi u tiġi mmonitorjata u kkoordinata l-implimentazzjoni tagħha.

(14) Jekk id-deċiżjonijiet li jkollhom jittieħdu jkunu jirrikjedu l-involviment ta' żewġ Stati Membri jew iktar, l-awtoritajiet rispettivi għandhom jiġu mħeġġa jieħdu l-passi kollha meħtieġa għal kooperazzjoni u koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom u mal-Kummissjoni. Dan jista' jkun jinvolvi l-awtoritajiet minn pajjiżi terzi, skont kif ikun xieraq. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-manutenzjoni u tat-tiswija għall-kejbils sottomarini. Huma għandhom jikkollaboraw mal-Kummissjoni biex jimmappjaw il-flotta attwali u jiddefinixxu l-ħtiġijiet b'mod prospettiv.

4. **AZZJONIJIET MILL-ISTATI MEMBRI FIL-LIVELL TAL-UNJONI**

(15) L-azzjonijiet u l-koordinazzjoni tal-Istati Membri msemmija f'din it-taqsima għandhom jitwettqu fi ħdan il-qafas ta' grupp ta' esperti informali.

([22]) Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

4.1. **Lejn valutazzjoni kkonsolidata tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi fl-Unjoni kollha**

(16) L-Istati Membri huma mħeġġa jassistu lill-Kummissjoni fl-immappjar tal-infrastrutturi eżistenti tal-kejbils sottomarini fil-livell tal-UE, abbażi tal-eżerċizzji nazzjonali tal-immappjar, u jżommu tali mmappjar aġġornat, mill-inqas fuq bażi annwali. L-immappjar għandu jinkludi d-*data* assoċjata rilevanti kollha bħall-kapaċità disponibbli u potenzjali, il-karatteristiċi tekniċi, il-karatteristiċi ewlenin tas-sigurtà, l-arranġamenti ta' ridondanza u/jew ta' ħidma bejn il-pari, l-informazzjoni dwar is-sjieda u l-kontroll, u l-karatteristiċi tas-sostenibbiltà.

(17) L-Istati Membri huma mħeġġa jassistu lill-Kummissjoni fir-rieżami tal-valutazzjonijiet eżistenti u fl-identifikazzjoni tal-informazzjoni nieqsa li attwalment qed tipprevjeni valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi, b'mod partikolari fir-rigward ta' fornituri ta' riskju għoli, tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, inkluż il-ktajjen tal-provvista kritiċi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva NIS 2, u biex jitqiesu l-interrelazzjonijiet ma' infrastrutturi kritiċi oħra, b'mod partikolari l-kejbils tal-elettriku u l-pipelines tal-gass.

(18) L-Istati Membri huma mħeġġa jipproponu lill-Kummissjoni miżuri sabiex jagħmlu tajjeb għall-informazzjoni nieqsa u metodoloġija li tippermetti li fuq bażi regolari titwettaq tali valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha u tiġi operazzjonalizzata għall-ittestjar regolari tal-istress.

(19) L-Istati Membri huma mħeġġa jassistu lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' valutazzjonijiet regolari kkonsolidati fl-Unjoni kollha tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini.

(20) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, l-Istati Membri huma mħeġġa jassistu lill-Kummissjoni biex tressaq "Sett ta' Għodod għas-Sigurtà tal-Kejbils", filwaqt li tistabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni li l-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw biex jitnaqqsu r-riskji, il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-fornituri ta' riskju għoli, identifikati fil-valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha.

4.2. **Kondiviżjoni tal-informazzjoni u assistenza reċiproka**

(21) L-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni regolarment rigward l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-inċidenti u r-rispons f'każ ta' inċident, kif ukoll l-aħjar prattiki applikati, biex jimmassimizzaw is-sinerġiji mal-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva NIS 2 u d-Direttiva CER. L-Istati Membri għandhom joffru assistenza lil xulxin, b'mod partikolari biex jimmitigaw l-impatti fuq l-Unjoni kollha.

(22) L-Istati Membri huma mħeġġa jiddiskutu l-potenzjal għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi għad-detezzjoni u għat-tnaffir tat-theddidiet kontra l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, b'mod partikolari billi jitqiesu r-riżultati ta' proġetti li ngħataw il-fondi mill-UE.

(23) F'dawk l-attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u ta' assistenza reċiproka, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jittrattaw l-informazzjoni klassifikata tal-UE ("IKUE") f'livelli differenti ta' klassifikazzjoni. Għal dak l-iskop, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu disponibbli esperti bil-livell xieraq ta' għarfien espert u ta' approvazzjoni tas-sigurtà f'konformità mal-prinċipju tal-oriġinatur. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw ukoll il-livell xieraq ta' klassifikazzjoni tal-informazzjoni li jikkondividu u għandhom jiżguraw li l-għodod approvati jkunu disponibbli għal skambju effiċjenti f'livelli differenti ta' klassifikazzjoni tal-IKUE.

4.3. **Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew**

(24) L-Istati Membri għandhom jassistu lill-Kummissjoni biex tipproponi abbozz ta' lista tal-Proġetti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew ("CPEIs") li jkunu strateġiċi, inkluż l-urġenza u l-iskeda taż-żmien tagħhom, li jistgħu jitqiesu bħala appoġġati permezz ta' programmi tal-Unjoni, ikkomplementati b'fondi nazzjonali biex jagħmlu tajjeb għal-lakuni strateġiċi u jiġu stabbiliti konnessjonijiet ġodda.

(25) Filwaqt li jsejsu fuq valutazzjonijiet eżistenti, l-Istati Membri għandhom jagħtu pariri lill-Kummissjoni billi jidentifikaw dawk ir-riskji, il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' CPEIs f'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

(26) L-Istati Membri huma mħeġġa jipproponu lista ta' proġetti strateġiċi li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-programmi rilevanti tal-Unjoni kkunsidrati għall-għoti ta' fondi jew għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat:

(a) il-proġett jagħmel tajjeb għal lakuna fl-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini kif ikun ħareġ fid-dieher mill-immappjar, li tista' tindirizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rotot siguri ġodda jew alternattivi, jew li jiżdiedu l-kapaċità u r-reżiljenza tal-infrastrutturi eżistenti tal-kejbils sottomarini;

(b) il-proġett jikkontribwixxi għal żieda sinifikanti fis-sigurtà tal-katina tal-provvista permezz ta' miżuri li għandhom jiġu inklużi fl-għażla ta' kwalunkwe fornitur sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-komponenti, tat-teknoloġiji, tas-sistemi u tal-għarfien prattiku meħtieġ fl-ippjanar, fl-akkwiżizzjoni, fil-kostruzzjoni, fit-tħaddim, fil-manutenzjoni u fit-tiswija tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini; il-proġetti li jinvolvu l-forniturі identifikati bħala ta' riskju għoli fil-valutazzjoni kkonsolidata tar-riskji ma għandhomx ikunu eliġibbli;

(c) il-proġett għandu jkollu importanza ġeostrateġika, fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari biex jiżgura livell għoli ta' sigurtà tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini fl-UE;

(d) il-proġett jissodisfa l-ħtiġijiet ta' konnettività li ma jiġux issodisfati minn investimenti privati waħedhom, minħabba r-riskji involuti, u

(e) meta l-proġett ikun jinvolvi l-għoti ta' fondi skont ir-Regolament (UE) 2021/947 ("ir-Regolament NDICI Ewropa Globali") u r-Regolament (UE) 2021/1529 ("ir-Regolament IPA III"), għandha tingħata iktar kunsiderazzjoni lill-grad ta' applikabbiltà tal-kriterji (a) sa (d) u jekk il-proġett huwiex żviluppat diġà fi ħdan il-qafas tal-istrateġija Global Gateway.

(27) Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jassistu lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' rieżami annwali tal-lista ta' proġetti strateġiċi u ta' aġġornament abbażi tal-valutazzjonijiet ikkonsolidati fl-Unjoni kollha tar-riskji, tal-vulnerabbiltajiet u tad-dipendenzi tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini fil-punt (19). Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar kif il-proġetti strateġiċi għandhom jindirizzaw ir-riskji, il-vulnerabbiltajiet u d-dipendenzi identifikati. Għal dak l-iskop, l-Istati Membri huma mħeġġa jqisu l-kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-proġett jissodisfax ċerti rekwiżiti ta' sigurtà li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà;

(b) jekk il-proġett iżidx b'mod sinifikanti l-prestazzjoni u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini;

(c) jekk il-proġett jimmitigax ir-riskji marbuta mad-dipendenza fuq entitajiet identifikati bħala ta' riskju għoli, direttament jew indirettament ikkontrollati minn pajjiżi terzi, fil-valutazzjoni kkonsolidata tar-riskji, irrispettivament mill-forniturі ta' riskju għoli msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2023) 4049, u jekk jimmitigax ir-riskji marbuta ma' interruzzjonijiet possibbli fil-provvista tal-komponenti (inkluż it-tagħmir terminali tal-linja), tat-teknoloġiji, tas-servizzi u tas-sistemi, inkluż il-bidliet fil-prezzijiet jew il-prestazzjoni iktar baxxa jew is-sorsi alternattivi tal-provvista, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-infrastruttura tal-kejbils sottomarini, u

(d) jekk il-proġett iżidx is-sostenibbiltà tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini billi jnaqqas l-impatt kumplessiv tagħhom fuq il-klima, l-enerġija u l-ambjent.

4.4. **Kooperazzjoni internazzjonali**

(28) L-Istati Membri u l-Unjoni, filwaqt li jaħdmu b'approċċ ta' Tim Ewropa ([23]) u jsejsu fuq il-kooperazzjoni internazzjonali eżistenti, għandhom jiġu mħeġġa jikkooperaw fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' infrastrutturi siguri, fdati u reżiljenti tal-kejbils sottomarini ma' pajjiżi tat-tkabbir, ma' pajjiżi terzi, ma' sħab strateġiċi, u f'fora multilaterali u b'diversi partijiet ikkonċernati, skont l-approċċ stabbilit f'din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-promozzjoni tas-CPEIs.

([23]) Tim Ewropa jfittex li jiġbor flimkien ir-riżorsi u l-għarfien espert u jikkonsisti mill-Unjoni Ewropea, mill-Istati Membri tagħha — inkluż l-aġenziji ta' implimentazzjoni u l-banek tal-iżvilupp pubbliku tagħhom — kif ukoll mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

5. **GĦOTI TA' FONDI GĦAL PROĠETTI TAL-KEJBILS TA' INTERESS EWROPEW**

(29) Is-CPEIs għandhom jingħataw il-fondi permezz ta' finanzjament privat li jista' jiġi appoġġat, meta jkun meħtieġ u xieraq minn programmi tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2021/1153 ("ir-Regolament FNE"), potenzjalment ikkomplementat minn riżorsi nazzjonali, f'konformità, jew meta jkun applikabbli, f'konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. ([24]) L-għoti ta' fondi mill-Unjoni jista' jiġi implimentat permezz ta' għotjiet, akkwist, operazzjonijiet ta' taħlit, inkluż attwalment fil-qafas ta' InvestEU, jew sħubijiet pubbliċi-privati, skont ir-regoli tal-programmi rilevanti.

(30) L-Istati Membri huma mħeġġa jqisu li jikkontribwixxu, meta jkun meħtieġ u xieraq, għall-finanzjament tas-CPEIs, fost l-oħrajn permezz tal-parteċipazzjoni, tal-Banek u tal-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali jew ta' Sħab ta' Implimentazzjoni oħra f'faċilitajiet jew f'operazzjonijiet ta' taħlit fil-livell tal-UE ([25]) bl-użu tal-baġit mill-programm tal-FNE. Dan għandu jimmassimizza l-impatt tal-kontribuzzjonijiet permezz tal-għoti ta' fondi pubbliċi, iwassal finanzjament privat u jiffaċilita d-disinn tal-investimenti f'konformità jew, meta jkun applikabbli, f'konsistenza mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([26]). Il-pipelines tal-proġetti tal-FNE żviluppati mis-sħab ta' implimentazzjoni jistgħu jiġu infurmati bil-ħidma tal-Grupp ta' Esperti.

(31) Sabiex jiżguraw li l-investimenti nazzjonali jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri li jagħmlu koinvestiment f'CPEIs magħżula għall-għoti ta' fondi fil-qafas tar-Regolament FNE jew mogħtija tikketta ta' kwalità tas-Siġill ta' Eċċellenza skont ir-Regolament FNE, huma mħeġġa jesploraw il-possibbiltà li jiddisinjaw miżuri ta' għajnuna li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ([27]) kollha stabbiliti fir-Regolament tal-Kumissjoni (UE) Nru 651/2014 ([28]) u fl-emendi tiegħu. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jesploraw jekk is-CPEIs jistgħux jiġu appoġġati permezz tax-xiri ta' kapaċità għall-użu pubbliku.

(32) Sabiex jiffinanzjaw is-CPEIs, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jużaw il-Kompartiment tal-Istati Membri fil-qafas ta' InvestEU biex jikkontribwixxu għal prodotti finanzjarji mnedija mis-Sħab ta' Implimentazzjoni ta' InvestEU bħall-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali, il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment jew Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra f'konformità mar-regoli tal-programmi inkwistjoni tal-għoti ta' fondi.

(33) L-għoti ta' fondi għas-CPEIs jista' jsir ukoll permezz ta' vetturi finanzjarji, pereżempju fondi ta' ekwità. L-Istati Membri huma mħeġġa jinvestu, inkluż permezz tal-Banek u tal-Istituzzjonijiet Promozzjonali Nazzjonali tagħhom, f'vetturi finanzjarji tal-livell nazzjonali jew tal-UE biex jappoġġaw l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini.

6. **RIEŻAMI**

(34) L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiġu vvalutati l-effetti ta' din ir-Rakkomandazzjoni sa Diċembru 2025, bil-ħsieb li jiġu ddeterminati mogħdijiet xierqa 'l quddiem. Din il-valutazzjoni għandha tqis il-valutazzjoni kkonsolidata fl-Unjoni kollha fil-punti (16) sa (20) u l-progress rigward l-implimentazzjoni tas-CPEIs.

([24]) Meta jkun xieraq, l-Istati Membri jistgħu jiddisinjaw ukoll Proġett(i) Importanti tal-Kejbils ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI(s)) f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar l-IPCEI (il-Komunikazzjoni dwar il-kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' IPCEIs (ĠU C 528, 30.12.2021, p. 10)).

([25]) Kif definit fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament 2018/1046 (ir-Regolament Finanzjarju).

([26]) Skont il-Prinċipju tal-Operatur f'Ekonomija tas-Suq, it-tranżazzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri ma jikkonferux vantaġġ fuq l-impriżi, u għaldaqstant ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, jekk jitwettqu skont l-istess termini u kundizzjonijiet (u għaldaqstant bl-istess livell ta' riskju u ta' premjijiet) minn korpi pubbliċi u operaturi privati li jkunu f'sitwazzjoni komparabbli (tranżazzjoni *pari passu*). Ara t-taqsima 4.2. tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1).

([27]) L-għajnuna għat-tnedija ta' kejbil sottomarin li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fil-Kapitolu I u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-Artikolu 52b tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 titqies kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(2) jew (3) tat-Trattat u għandha tkun eżentata mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

([28]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

7. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(35) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni